Nru. 263

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li s-sit li ġej, jiġifieri:–

QABAR PUNIKU,
JINSAB BEJN TA' L-IBRAĠ U L-ĦEWWIEXA SELMUN, LIMITI TAL-MELLIEĦA

(ara l-pjanta f'paġna 3021) jista' jkun ta' valur arkeoloġiku hekk li għandu jkun inkluż fil-lista ta' Proprjetà Skedata skond l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li s-sit jinsab fil-periklu li jiġi demolit, danneġġat jew distrutt bir-rimi illegali ta' rdim u skart.

L-Awtorità qiegħda b'din tohroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni dwar is-sit imsemmi hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-Qabar Puniku bejn l-inħawi ta' Ta' l-Ibraġ u l-Ħewwiexa, Selmun, limiti tal-Mellieħa, għandu jitqies bħala sit arkeoloġiku ta' Klassi B skond il-*Policies* ARC 1, 2, u 3 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkeoloġiku tiegħu.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'ebda parti fis-sit imsemmi.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew intervent ieħor fuq is-sit imsemmi, li jista' jkun bil-permess, għandu jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

L-Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk l-*area* tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f' artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' dan l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-23 ta' April, 1996

No. 263

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following area, namely

PUNIC TOMB,
AREA BETWEEN TA' L-IBRAĠ AND IL-ĦEWWIEXA SELMUN, LIMITS OF MELLIEĦA

(see plan on page 3021) could be of archaeological importance such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the area is in danger of being damaged or destroyed through the illegal dumping of rubble and garbage.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The Punic tomb between the areas of Ta' l-Ibraġ and il-Ħewwiexa Selmun Iwo Mellieħa, is to be considered a class B archaeological site as per Structure Plan Policies ARC 1, 2 and 3 by virtue of it's archaeological significance.


(ii) No alterations or development will be permitted on the said site.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above area, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the area is destroyed or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

23rd April, 1996



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E43547, N79140 Max E439701, N796051

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

PUNIC TOMB
AREA BETWEEN TA' L-IBRAG AND IL-HEWWIEXA
SELMUN, l/o MELLIEHA

Ref No. :- **GF 210/96**

Form No. :- MU003